A.L. 233 ta' l-2001

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 3)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att, liema Raba' Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

Ihassar il-partita 11 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda.

2. Il-partita 11 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda għandha tiġi mħassra.

Jenumera mill-ġdid l-partiti 12 u 13 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda.

3. Il-partiti 12 u 13 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-partiti 11 u 12 rispettivament.

Jissostitwixxi l-partita 11 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda.

4. Minflok il-partita 11 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda kif enumerata mill-ġdid għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"11. *Provvista ta' deheb*

Il-provvista ta' deheb lill-Bank Ċentrali ta' Malta.".

Jemenda il-partita 3 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda.

5. It-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda għandha tiġi emendata kif ġej:–

(a) minnufih wara l-paragrafu (5) tal-partita 3 għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(6) Il-provvista ta' kull servizz li jkun jikkonsisti fl-immaniġġar jew arranġement ta' skema kif speċifikat fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, minn persuna awtorizzata kif imiss skond liċenza maħruġa taħt dak l-Att.".

(b) Il-*proviso* tal-partita 3 għandu jitħassar.